IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.10.2015
COM(2015) 546 final

2015/0254 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lil-Latvja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kull Stat Membru biex japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jipprevjeni ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-8 ta' April 2015, il-Latvja talbet awtorizzazzjoni biex tibqa' tapplika miżura li tidderoga mill-prinċipji ġenerali li jirregolaw id-dritt ta' tnaqqis tal-VAT tal-input fir-rigward ta' ċerti karozzi tal-passiġġieri. Flimkien mat-talba għal estensjoni, il-Latvja ressqet rapport li jkopri l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/191/UE li jinkludi rieżami tal-perċentwal previsti għal-limitazzjoni tad-dritt ta’ tnaqqis. It-talba u r-rapport tlestew ulterjorment fit-30 ta’ Lulju 2015.

B'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħrajn bit-talba tal-Latvja permezz ta' ittri li jġibu d-dati tal-21 u l-24 ta' Awwissu 2015. B’ittra tal-24 ta’ Awwissu 2015, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Latvja li kellha l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa biex tivvaluta t-talba.

### Kuntest ġenerali

L-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT jipprevedi li persuna taxxabbli hija intitolata li tnaqqas il-VAT dovut minn fuq xiri li jsir għat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha. L-Artikolu 26(1)(a) tal-istess Direttiva jirrikjedi li l-użu ta' oġġetti li jiffurmaw parti mill-assi ta' negozju għal skopijiet privati jkunu provvista ta' servizzi li jitqiesu jekk il-VAT fuq l-oġġetti jkun eliġibbli għat-tnaqqis. Din is-sistema tippermetti l-irkupru tal-VAT inizjalment imnaqqas b'rabta mal-użu privat.

Fil-każ ta' karozzi tal-passiġġieri, din is-sistema hija diffiċli li tiġi applikata, b’mod partikolari minħabba li huwa diffiċli li ssir distinzjoni ċara bejn l-użu privat u dak tan-negozju. Meta jinżammu reġistri, dawn iżidu piż żejjed kemm fuq in-negozju kif ukoll fuq l-amministrazzjoni, minħabba ż-żamma u l-verifika tagħhom, anki f'każ li l-Latvja tuża l-għażla prevista fl-Artikolu 168a tad-Direttiva tal-VAT biex tillimita t-tnaqqis fuq in-nefqa relatata ma' karozzi tal-kumpanija għall-proporzjon tal-użu effettiv għan-negozju tal-persuna taxxabbli.

Sabiex il-ġbir tal-VAT jiġi simplifikat u biex tiġġieled l-evażjoni tat-taxxa, fl-2011 il-Latvja talbet deroga individwali li permezz tagħha tista’ tillimita d-dritt għal tnaqqis sa 80% fir-rigward ta’ ċerti karozzi tal-passiġġieri. It-talba għal deroga ġiet approvata mill-Kunsill bid-Deċiżjoni 2013/191/UE tat-22 ta’ April 2013, u din tiskadi fil-31 ta’ Diċembru 2015. Ċerti kategoriji ta’ vetturi ġew speċifikament eskluži minn din ir-restrizzjoni, bħall-karozzi mixtrija biex jerġgħu jinbiegħu, għall-kiri jew għall-kiri fit-tul; karozzi użati għat-trasport tal-passiġġieri (bħal taxis) jew merkanzija; karozzi użati għal-lezzjonijiet tas-sewqan; karozzi użati għas-servizzi ta’ gwardja jew ta’ emerġenza; karozzi użati bħala dimostrazzjoni għal vetturi għall-bejgħ. Fl-istess ħin, ma jkunx meħtieġ aktar li n-negozji jżommu kont tal-użu privat għal raġunijiet ta' taxxa.

B’konformità mal-Artikolu 6(b) tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq, il-Latvja ppreżentat rapport li jkopri l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni u li kien jinkludi rieżami tal-perċentwal tar-restrizzjoni.

Mill-informazzjoni provduta mil-Latvja jidher li r-rata ta’ 80% ta’ tnaqqis ma għadhiex tikkorrispondi maċ-ċirkostanzi attwali u li din ir-rata għandha titnaqqas għal 50%. Il-Latvja qed tappoġġa il-limitu perċentwali il-ġdid b’ċifri statistiċi li ġejjin minn taxxa speċjali fuq vetturi ħfief li huma proprjetà ta’, jew miżmuma minn operaturi kummerċjali li huma użati għal attivitajiet privati u tan-negozju. Skont l-informazzjoni mressqa mil-Latvja, it-taxxa speċjali tħallset għal 79% tal-vetturi ħfief f'kundizzjoni tajba għat-triq li huma propjetà ta' persuni ġuridiċi, jew miżmuma minnhom. L-awtoritajiet Latvjani jipprevedu wkoll li l-perċentwali ta’ persuni ġuridiċi li jkollhom mill-inqas vettura ħafifa waħda reġistrata u li jkunu ħallsu t-taxxa speċjali fuq il-vetturi ħfief kienu 87.6% fl-2012, 92.5% fl-2013 u 86.2% fl-2014. Barra minn hekk, 99.6% tan-negozji reġistrati fil-Latvja huma intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju. Il-Latvja tqis li, abbażi ta’ din l-informazzjoni statistika li tkopri l-biċċa l-kbira tal-persuni taxxabbli, jista’ jiġi konkluż li l-użu privat globali tal-karozzi tal-passiġġieri jikkorrispondi għal 50%. Għaldaqstant, il-limitazzjoni l-ġdida għandha tkun stabbilita għal 50%.

Il-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha tad-deroga se jibqgħu japplikaw. Is-sistema l-ġdida se tapplika għall-karozzi tal-passiġġieri kollha b'massimu ta' tmien sits flimkien mas-sit tax-xufier u taħt ċertu piż li ma jintużawx biss għal skopijiet ta' negozju. Madankollu, il-karozzi tal-passiġġieri li jintużaw għal ċerti attivitajiet speċifiċi jiġu esklużi wkoll mir-restrizzjoni fuq id-dritt tat-tnaqqis u jkunu ttrattati skont ir-regoli tas-soltu: karozzi mixtrija biex jerġgħu jinbiegħu, għall-kiri jew għall-kiri fit-tul; karozzi użati għat-trasportazzjoni tal-passiġġieri (bħat-taxis) jew tal-merkanzija; karozzi użati għal-lezzjonijiet tas-sewqan; karozzi użati għas-servizzi ta’ gwardja jew ta’ emerġenza; karozzi użati bħala dimostrazzjoni għal vetturi għall-bejgħ.

Meta wieħed iqis il-bidla f’perċentwali, deroga ġdida hi aktar xierqa minn estensjoni ta’ dik eżistenti. Madankollu, kwalunkwe estensjoni għandha tkun limitata fiż-żmien sal-31 ta' Diċembru 2018 sabiex ikun jista’ jiġi vvalutat jekk il-kundizzjonijiet li fuqhom hija msejsa d-deroga jkunux għadhom validi. Kull talba ta' estensjoni għandha tkun akkumpanjata minn rapport li jinkludi reviżjoni tal-perċentwal applikat u għandha tintbagħat lill-Kummissjoni flimkien mat-talba sal-31 ta' Marzu 2018.

- **Il-konsistenza ma’ dispożizzjonijiet ta’ politika eżistenti fil-qasam ta’ politika**

Derogi simili li għandhom x’jaqsmu mad-dritt għat-tnaqqis ingħataw lil Stati Membri oħra, fosthom il-Latvja permezz tad-Deċiżjoni 2013/191/UE tat-22 ta' April 2013.

L-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-Kunsill għandu jiddetermina l-infiq li minnu ma tistax titnaqqas il-VAT. Sakemm dan iseħħ, l-Istati Membri huma awtorizzati li jkomplu japplikaw l-esklużjonijiet li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1979. Għaldaqstant, hemm għadd ta' dispożizzjonijiet ta' ‘status quo’ li jillimitaw id-dritt ta’ tnaqqis marbut mal-karozzi tal-passiġġieri.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Mhux applikabbli

## 2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklussiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru wara talba li għamel hu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta’ applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li qed jiġi segwit, jiġifieri li tiġi miġġielda l-evażjoni tat-taxxa u li jiġi simplifikat il-ġbir tal-VAT.

- **L-għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument adattat peress li tista' tiġi indirizzata lil Stati Membri individwali.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet ex post/il-verifiki tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma japplikax

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet konċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba magħmula mil-Latvja u tirrigwarda biss lil dan l-Istat Membru.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta’ għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Id-Deċiżjoni proposta timmira l-ewwel nett biex tissimplifika l-ġbir tal-VAT fir-rigward ta' karozzi tal-passiġġieri li jintużaw parzjalment għal skopijiet mhux tan-negozju, u għalhekk għandha impatt potenzjali pożittiv. Fl-istess ħin, l-evażjoni tat-taxxa permezz taż-żamma ta' rekords ħażina tkun indirizzata.

Madankollu, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni ristrett tad-deroga u l-applikazzjoni limitata fiż-żmien, f'kull każ l-impatt se jkun limitat.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Il-pjanijiet u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-arranġamenti tar-rappurtar**

Il-proposta fiha klawżola ta' estinzjoni; limitu ta’ żmien awtomatiku li huwa stabbilit għall-31 ta’ Diċembru 2018 għal din id-deroga.

2015/0254 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lil-Latvja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-8 ta' April 2015, il-Latvja talbet l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika taħt ċerti kundizzjonijiet miżura li tidderoga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex tkun tista' tillimita d-dritt għal tnaqqis fejn jidħlu l-ispejjeż fuq ċerti karozzi tal-passiġġieri li ma jintużawx biss għal skopijiet ta' negozju. It-talba ġiet konkluża ulterjorment fit-30 ta' Lulju 2015.

(2) B'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, permezz ta' ittri li jġibu d-data tal-21 u l-24 ta' Awwissu 2015, il-Kummissjoni informat lill-Istati Membri l-oħrajn bit-talba tal-Latvja. Permezz ta' ittra li ġġib id-data tal-24 ta' Awwissu 2015, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Latvja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tikkunsidra it-talba.

(3) L-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE jistabbilixxu d-dritt ta' persuna taxxabbli li tnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) imposta fuq provvisti ta' oġġetti u servizzi rċevuti minnha għall-użu fit-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha. L-Artikolu 26(1)(a) tal-istess Direttiva fih rekwiżit li tiġi ddikjarata l-VAT meta assi tan-negozju jintuża b'mod mhux għan-negozju

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/191/UE[2] tawtorizza lil-Latvja biex tapplika miżura ta' deroga skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex tillimita d-dritt ta' tnaqqis tal-VAT tal-input għal 80% fir-rigward tax-xiri, l-akkwist intra-Komunitaru u l-importazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri speċifiċi u dwar nefqa marbuta maħhom, inkluż ix-xiri tal-fjuwil, meta l-vetturi ma jkunux jintużaw biss għal finijiet ta' negozju. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill Nru 2013/191/UE se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2015.

(5) Flimkien mat-talba, il-Latvja ressqet rapport li jkopri l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/191/UE li jinkludi rieżami tal-perċentwal previst għal-limitazzjoni tad-dritt tat-tnaqqis. Mill-informazzjoni provduta mil-Latvja jidher li

[1] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.
[2] ĠU L 113, 25.04.2013, p.11

r-rata ta’ 80% ta’ tnaqqis ma għadhiex tikkorrispondi maċ-ċirkostanzi attwali u li din ir-rata għandha titnaqqas għal 50%. L-informazzjoni hija bbażata fuq ċifri statistiċi derivati minn taxxa speċjali fuq vetturi ħfief li huma proprjetà ta’ operaturi kummerċjali jew miżmuma minnhom li huma użati għal attivitajiet privati u tan-negozju.

(6) Il-limitazzjoni tad-dritt ta' tnaqqis taħt l-awtorizzazzjoni għandha tapplika għall-VAT imħallas fuq ix-xiri, il-kiri fit-tul, l-akkwist intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri speċifikati u fuq l-infiq marbut magħhom, inkluż ix-xiri ta’ fjuwil.

(7) Il-miżura għandha tapplika biss għal karozzi tal-passiġġieri b'piż massimu awtorizzat ta' mhux aktar minn 3500 kilogramma u li ma jkollhomx aktar minn tmien postijiet minbarra l-post tas-sewwieq. Kwalunkwe rettifika għall-użu mhux tan-negozju ta' karozzi tal-passiġġieri li jeċċedu t-3500 kilogramma jew li jkollhom aktar minn tmien postijiet minbarra l-post tas-sewwieq huwa negliġibbli minħabba n-natura tagħhom jew it-tip ta' negozju li għalih jintużaw. Għandha tiġi pprovduta wkoll lista dettaljata ta' karozzi tal-passiġġieri speċifiċi esklużi minn din l-awtorizzazzjoni, abbażi tal-użu partikolari tagħhom.

(8) Għaldaqstant il-Latvja għandha tkun awtorizzata li tapplika l-miżura għal perjodu limitat, sal-31 ta’ Diċembru 2018.

(9) F'każ li l-Latvja jkollha titlob estensjoni tal-miżura ta' deroga lil hinn mill-2018, għandu jitressaq rapport ġdid lill-Kummissjoni flimkien mat-talba għal estensjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Marzu 2018.

(10) Id-deroga se jkollha biss effett negliġibbli fuq l-ammont ġenerali tad-dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali u mhux se jkollha effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jinġabru mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B’deroga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Latvja hija awtorizzata li tillimita għal 50% id-dritt li tnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fuq in-nefqa fuq karozzi tal-passiġġieri li ma jintużawx biss għal finijiet tan-negozju.

*Artikolu 2*

B'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Latvja ma tittrattax bħala provvista ta' servizzi bi ħlas l-użu għal skopijiet privati ta' karozza tal-passiġġieri inkluża fl-assi ta' persuna taxxabbli ta' negozju, fejn dik il-karozza kienet suġġetta għal limitazzjoni awtorizzata skont l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

In-nefqa msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkopri x-xiri, il-kiri fit-tul, l-akkwist intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' karozzi bħal dawn kif ukoll l-infiq relatat mal-manutenzjoni, it-tiswija u l-fjuwil għal karozzi bħal dawn.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika biss għal karozzi tal-passiġġieri b'piż massimu awtorizzat ta' mhux aktar minn 3500 kilogramma u li għandhom mhux aktar minn tmien postijiet minbarra l-post tas-sewwieq.

*Artikolu 5*

L-Artikoli 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-kategoriji ta' karozzi tal-passiġġieri li ġejjin:

(a) karozzi mixtrija biex jerġgħu jinbiegħu, għall-kiri jew għall-kiri fit-tul;

(b) karozzi użati għat-trasportazzjoni tal-passiġġieri bi ħlas, inklużi servizzi tat-taxi;

(c) karozzi użati għall-provvista ta' trasportazzjoni ta' oġġetti;

(d) karozzi użati biex jingħataw lezzjonijiet tas-sewqan;

(e) karozzi użati għall-provvista ta' servizzi ta' għassa;

(f) karozzi użati bħala vettura ta' emerġenza;

(g) karozzi li jintużaw bħala dimostrazzjoni għal vetturi għall-bejgħ.

*Artikolu 6*

1. Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

   Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2016. Din għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018.

2. Kull talba għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni prevista f'din id-Deċiżjoni għandha tittressaq lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2018 u tiġi akkumpanjata minn rapport li jinkludi analiżi tal-perċentwali stabbilit fl-Artikolu 1.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*